# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 124/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Carmel Cassar**

Seduta tal-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Carmel Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 627861M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Diċembru, 2009, għall-ħabta ta' 18:50hrs fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBY 627 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Audrey Attard u

kkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi skond ma ċċertifikat Dr. Moira Grech M.D (Reg. No 2565) mill-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ikkundannatu multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 30 ta' l-istess Kapitolu 9 issospendietu minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena. In konklużjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti is-somma ta' mija sebgħa u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€187.50) rappreżentanti spejjeż rinkorsi mal-ħatra ta' l-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata tiddikjarah mhux ħati ta' dik l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberaħ minn kull ħtija jew piena, alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravju wieħed dwar il-mertu u ieħor dwar il-piena. Fl-aggravju singolari tiegħu fil-mertu, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u jtenni illi jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera għaliex dan il-konflitt għandu jmur favur l-imputat. Fl-istess waqt, izda, l-appellant jiccita mis-sentenza 'Il-Pulizija v Graham Charles Ducker' tad-19 ta' Mejju 1997 (Qorti tal-Appell Kriminali) li fil-fatt hija il-*quid juris* fejn si tratta ta' konflitt fil-provi:

'*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposite one.*'

2. L-appellant itenni li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha 'beyond a reasonable doubt' u jghid li dan ma jfissirx li l-prova tal-Prosekuzzjoni trid tkun 'beyond a shadow of doubt'. Hekk intqal minn Lord Denning fil-każ 'Miller v Minister of Pensions' (1974) ALL Er 372. Huwa rrefera wkoll għal dak li qalet il-Qort tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara' meta jkollha quddiemha żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Barra minn hekk l-apprezzament tal-provi għandu jqis il-provi flimkien;

3. Il-Pulizija kellmu lil xi persuni *a tempo vergine* (Philip Sammut, Dolores Giovanna Stellini, Alexander Pace, Jake Camilleri u lill-akkużat) u dan kollu għandu jkun ikkonsidrat. Il-Pulizija kellmu lill-missier it-tifla li ddeskriva lis-sewwieq

bħala 'li kien qed isuq meta l-light kien orange.' Hu ma kienx jaf eżatt jekk waħda mis-saqajn tat-tifla kienitx 'l isfel mill-bankina. L-istess vittma tkellmet xi ġranet wara. Din qalet li semgħet il-bleep tal-Pelikan Lights u x'ħin ħarġet saqajha biex tara hux ġejjin vetturi, ix-xarabank ma rathiex u ma ftakret xejn aktar. Ix-xhieda l-oħra kollha qalu li s-sewwieq ma kienx qed isuq b'mod eċċessiv. Missier it-tifla u t-tifla taw verżjonijiet b'aktar dettalji meta xehdu waqt li x-xhieda l-oħra qalu l-istess affarijiet li kienu stqarrew mal-Pulizija. Il-vittma u missierha xehdu tliet snin wara l-inċident u donnhom aktar ftakru dettalji meta wieħed suppost li jinsa għax ikun għadda ż-żmien. Dan dejjem skond l-appellant;

4. Jinsisti l-appellant li hemm dubju dwar x'kulur kienu d-dwal meta qasmet il-vittma. Hi tgħid li semgħet il-bleep u qasmet. Missier il-vittma jgħid li kien ra d-dawl orange iżda ma kellux ċans jgħid lit-tifla biex ma taqsamx. Iżda l-missier qal li żgur ma kienux ħodor għax-xufier.L-appellant xehed li l-lights kienu ħodor għas-sewwieqa. Ħadd ma semma li l-lights kienu ħomor għax-xufier.

5. L-appellant jissottometti wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma jmesshiex ħadet konjizzjoni tas-CD li kien ippreżentat għaliex din ma kinitx l-oriġinali u fil-Qorti għandha tinġieb l-aħjar prova.

6. Il-konsulenti mediċi, Mr Antoine Zrinzo u Dr Moira Grech,qatt ma ttellgħu jixhdu biex jikkonfermaw il-kontenut waqt li l-espert mediku li tqabbad jeżamina lill-vittma għamel dan żmien wara. Barra dan il-vittma ma qasmitx mil-lights biex tmur lura lejn Casa Arkati għax kienet insiet xi ħaġa. Hemm diskrepanza bejn fejn sar l-impatt u fejn instab id-demm. Hija

kienet qasmet 'il fuq mil-lights. Il-pedestrian ukoll għandu l-obbligu meta jkun qed jaqsam it-triq. (Il-Pulizija v Alfred Caruana Kollez.Vol XXIX p.iv.1031 14 ta' Mejju 1955).(Ara wkoll App.Krim.'Il-Pulizija v J.Thornton Koll.XLV p.iv.p.920 u 'Il-Pulizija va Cassar Desain Koll XLVI. P.IV p.765). Il-Highway Code ukoll tisptipula ċerta kawtela mill-pedestrian kif jidher mill-paragrafi 23. 24. 25. 26 u 43.).

Ikkonsidrat:

7. Jibda biex jinghad illi kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, il-funzjoni taghha huwa wiehed ta' revizzjoni u mhux ta' decizzjoni mill-gdid u ghalhekk ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha raġonevolment u legalment. Dan ghalhekk jkun jehtieg ezami mill-gdid u approfondit tal-provi;

8. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw investiment stradali ta' persuna. Il-parti civili ttajret minn xarabank waqt li kienet qed taqsam fuq Pelican Light. Missierha kien qed jistenniha faccata fil-vettura tieghu fejn kienet gia accediet izda kellha terga' lura fil-post tax-xoghol biex thalli risposta u ghalhekk kellha terga' taqsam it-triq. Fir-ritorn taghha ttajret mix-xarabank fuq l-istess Pelican Light u filwaqt li hi tghid li dawl ghaliha kien ahdar, l-appellant jghid li kien ahdar ghall-vetturi;

9. Audrey Attard xehedet illi dak in-nhar tal-inċident harget minn Casa Arkati u qasmet minn fuq il-Pelican Light lejn il-vettura ta' missierha biex tkellem lill-genituri taghha li kienu fil-vettura qed jistennew faccata u wara li kkonfermat li fil-vettura ma kienx hemm l-oggett li riedet, kienet sejra lura Casa Arkati biex thalli risposta. Ghalhekk ghafset il-buttuna tal-Pelican Lights li dak il-hin kienu hodor ghall-vetturi u homor ghall-min irid

jaqsam. Stenniet u kif qelbu u semghet il-“bleep” ghamlet pass wiehed u ma tiftakar xejn aktar;

10. Anthony Attard, missier il-parti civili, xehed illi f’dak il-hin kien qed jistenna lill-bintu fil-vettura tieghu parkeggjat wiċċu lejn San Pawl il-Baħar. Wara li qaltlu li kellha bzonn terga tidhol ix-xoghol baqa’ jistenniha, ma kellux x’jaghmel u kien qed ihares daqqa fil-mirja u daqqa ‘l quddiem. Mill-mirja tan-nofs kien qed jara t-tifla, rahha tghafas il-Pelican Light u mill-mera tal-bieba kien qed josserva t-traffiku. F’daqqa waħda mill-mirja tal-bieba ra lill tal-linja gejja, ra d-dawl orangio u rah ukoll jintefa meta ra li t-tifla qabdet taqsam u minghajr ma kellu cans jirreagixxi u javza lit-tifla u sehh l-incident. Hu ried javza lit-tifla biex ma taqsamx ghaliex ra li tal-linja kien ser jibqa’ sejjer u ried jghidilhla biex ma taqsamx. Il-vettura tax-xhud kienet posizjonata b’mod li d-dwal kienu warajh fuq in-naha tax-xellug b’dan illi dawk korrispondenti ta’ faccata fuq in-naha l-ohra tat-triq setgha jarahom ghaliex kienu f’angolu b’rispett ghall-posizzjoni tieghu. Huwa cert ghall-ahhar li d-dawl ghal tal-linja ma kienx ahdar;

11. Alexander Pace, wieħed mill-passiġġiera, jghid li kien bilqieghda lejn in-nofs f’tal-linja. Jghid li qabel sehh l-incident ra lill-vittma u meta deher li kien ser jigri xi haga qasmet it-triq, tal-linja kompla fi trieqtu u hi lahqet qasmet sal-kareggjata l-ohra u kienet waslet fuq in-naha l-ohra tal-kareggjata opposta izda ippanikjat u griet lura, tal-linja pprova jghafas il-brakes izda sfortunatament ma kienx bizzejjed;

12. Jake Camilleri xehed li hu ma tantx kien ra mill-inċident għax kien imdawwar lura biex jitkellem ma’ persuni oħra. Ix-

xufier ma kienx qed isuq mgħaġġel. Sema' l-brake u l-għajjat tan-nies. Dolores Giovanna Stellini qalet li kienet bil-qegħda fuq wara iżda taf li x-xufier kien qed isuq bil-mod u imbagħad rat mara li kellha d-demm ħiereġ. Philip Sammut qal li kienu waslu fiz-zebra crossing ħdejn id-dar tax-xjuħ. Tal-linja kien forsi għaddej bis-sittin u sema' d-daqqa. Ma kienx ra l-inċident;

13. L-appellant xehed (fol 193) u qal li kien tiela' normali lejn in-naħa ta' Casa Arkati fil-Mosta u kien għaddej bil-35 kilometru. Il-lights kienu ħodor u ra l-vittma taqsam minn fejn il-vettura ta' missierha. Huwa żamm il-brake u kiser lejn il-lemin. Il-vittma ħabtet mal-pilastru ta' quddiem tax-xarabank. L-appellant xehed li l-parti civili qasmet minn fejn il-vettura li wara sar jaf li kienet ta' missierha u mhux minn fuq il-Pelican Lights. Jinsisti, anzi, li qasmet 'l fuq mill-lights. Hija kienet qasmet 'il fuq mil-lights. Huwa indika fuq l-isketch minn fejn kienet qasmet. Raġel ta' kulur iswed qallu 'It is not your fault' ghaliex id-dawl kien ahdar. In kontro-eżami qal li kien ta l-brake lix-xarabank meta raha taqsam b'pass mgħaġġel. Huwa rrisponda li kien baqa' tiela' normali huwa u jersaq lejn il-lights;

14. L-incident kollu kien registrat permezz ta' *security camera* ta' Casa Arkati fejn kienet tahdem il-parti civili. Din ir-registrazzjoni kienet prezentata minn PS 1147 Antoine Fenech stazzjonat il-Laboratorju tal-Forensika izda ma kienx hu li eleva l-filmat.

15. PS 820 Jonathan Vella (fol.9) xehed per via ta' affidavit, li Audrey Attard (il-vittma) kienet tkellmet wara xi jiem u qalet li kienet ser taqsam minn fuq il-lights, għafset il-buttuna,

semgħet il-bleep u x'ħin ħarġet saqajha biex tara hux ġejjin vetturi, ix-xarabank ma rathiex u ma ftakret xejn aktar. Fit-13 ta' Diċembru 2009 huwa kien mar fuq il-post tal-inċident ġewwa l-Mosta fejn kien hemm x-xarabank EBY-627 misjuqa mill-appellant. Is-sewwieq qal li d-dawl kien aħdar. Fix-xhieda tiegħu huwa rrepeta dak li jidher fil-paragrafu 13. Id-dvd kien bagħtu lil tal-forensika imma meta bagħtu r-ritratti ma bagħtuhx lura. Il-vittma kienet qed taqsam minn faċċata ta' Casa Arkati u l-bus kienet ġejja mill-pjazza tal-Mosta lejn il-ħanut 'Jupiter'.

16. Il-kirurgu Joseph Briffa kkonferma r-rapport tiegħu li jidher a fol 56. Huwa qal li l-offizi kienu għadhom jidhru – ciccatrici fuq moħħ il-vittma fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm ħsara fis-soft tissues u kellha daqsxejn nuqqas ta' sensazzjoni mad-dawra ta' din ic-cikkatrici. Ikkonkluda li ghandha 4% ta' dizabilita' permanenti u kien kien eżaminha fis-sena 2011.

17. Il-Professur Antoine Zrinzo nominat mill-Qorti sabiex jeżamina lill-Audrey Attard xehed li din tal-ahhar ma ftakritx il-mument meta ttajret mill-karozza. Tiftakar biss li kienet fuq zebra crossing u għafset il-buttuna u bdiet tistenna biex id-dawl jaqleb aħdar u ftakret ukoll il-buzzing li tista' taqsam. Ftakret x'beda jiġri meta tqegħdet fl-ambulanza. Missierha ta l-assistenza tiegħu. Kellha lacerated contused wound fuq in-naħa tax-xellug ta' rasha fuq quddiem. Kellha brix f'wiċċha u kien hemm tbenġil mad-dawra tal-għajn. Kellha ksur fuq in-naħa tal-quddiem tal-wiċċ. Kellha l-bżonn ta' phisioloġista u marret għax-xogħol xi erba' ġimgħat wara l-inċident. Huwa kkalkola 5% bħala "permanent damage" (fol 181). (Rapport AZ 1).

18. Il-Qorti fliet dak li ntqal mill-passiġġiera appena mitkellma mill-pulizija kif ukoll meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti. Ħadd minnhom ma jidher li ra kif seħħ l-inċident ghajr

ghall-Alexander Pace li x-xhieda tieghu qed tkun skartata minnufih ghaliex ma hi sorretta minn ebda cirkostanzi fl-atti u hija improbabbli ghall-ahhar kif jixhed il-filmat u r-ritratti esebiti mehuda minn fuq l-istess filmat. Frankamanet mhux biss hija improbabbli izda ukoll impossibbli u inveritiera ghaliex kieku l-accident sehh kif qal hu, l-vittma kienet minn naha l-ohra tal-vettura. Tant hija finzjoni din li lanqas l-imputat stess ma rrakkonta dak li skont dan ix-xhud sehh quddiem l-istess imputat.

19. Il-Qorti eżaminat ir-ritratti a fol 27 li huma mehudha mill-*footage* tas-CCTV. Din hija s-sekwenza: (a) 18:55: 46 – il-lights għall-karozzi huma ħodor u għall-pedestrians huma ħomor. Il-vittma qed tistenna ħdejn id-dwal; (b) 18:55:47 il-lights għall-karozzi huma ħodor u għall-pedestrians huma ħomor – il-vittma għadha qed tistenna; (ċ) 18:55:16 – il-lights għall-karozzi huwa amber u għall-pedestrians huwa huwa aħmar u qed jaqleb għall-aħdar; jidhru wkoll il-headlamps tax-xarbank; (d) 18:56:17 id-dawl għall-karozzi huwa aħmar waqt li d-dawl għall-pedestrians huwa aħdar u l-parti leża għadha fuq il-bankina. U hawn ix-xarabank suppost li waqfet (e) 18:56:19 id-dawl għall-karozzi huwa aħmar u għall-pedestrians aħdar; Il-parti leża qed taqsam bejn id-dotted lines ; 18:56:19 id-dawl għall-karozzi għadu aħmar u dan kien il-mument tal-impatt bix-xarabank fuq iz-zebra crossing. Dawn ir-ritratti jkomplu jsaħħu l-verżjoni tal-parti leża. Ezaminat il-filmat, ma hemm ebda dubju li l-vittma kienet qed tistenna waqt li d-dawl ghall-vetturi kien ahdar. Kienet kwazi qed tistrieh mal-Pelican Light u malli id-dawl qaleb ahmar ghall-vetturi bdiet taqsam it-triq fejn imbaghad sar l-investiment minn tal-linja. Dan hu kif sehh il-kaz, sic et simplicitur u ma tistax din il-Qorti tifhem kif jista' xi hadd jghid mod iehor inkluz li qasmet boghod mill-Pelican Lights;

20. Din il-Qorti izda, xorta wahda jehtieg li tikkonsidra l-argumenti mressqa mill-appellant fl-appell tieghu. L-ewwel fost dawn huma li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tirreferi għas-CD tal-proċess għax dan ma kienx 'l-oriġinali.' Issa, PS 1147 Antoine Fenech xehed illi r-ritratti kienu estratti minn filmati li tieghu ipprezenta kopja. Ma jirriżultax li kien hemm qtugħ miċ-chain of evidence. PS 820 kien eleva is-CD bil-footage tas-CCTV minn Casa Arcati, imbagħad għaddieh lill-ispettur Edmond Cuschieri u dan għaddieh lil tal-forensika. Tal-forensika fetħuh u għaddew l-istills. PS 1147 kien l-uffiċjal tal-forensika li ħareġ l-istills u li ppreżenta l-filmat tas-CCTV. Meta tieħu s-CCTV footage dan irid jiġi downloaded għal fuq is-CD. Isegwi għalhekk li din kienet il-best evidence li setgħet iġġib il-Prosekuzzjoni;

21. Eżami ta' dan is-CD twassal għall-konklużjoni waħda: il-verżjoni mogħtija mill-vittma u minn missierha hija l-verżjoni korretta.

22. Kwantu l-offizi sofferi mill-vittma, ma hemmx dubju dwarhom. Difatti meta dehret l-ewwel darba l-Maġistrat sedenti, kif ħarset lejn il-vittma, mill-ewwel iddikjarat li l-każ ma kienx fil-kompetenza tagħha. L-Ewwel Qorti wkoll kellha l-opportunita' tara lill-vittma u fis-sentenza tagħha qalet li 'M'hemm ebda dubju li Audrey Attard għandha ċikatriċi mal-ġenb ta' wiċċha li tidher minn ċertu distanza'. U dak li jara l-ġudikant b'għajnejh huwa diġa' biżżejjed biex wieħed ikun jista' jikkonkludi dwar x'tip ta' offiżi tkun ġarrbet il-vittma;

23. Id-difiża tissottometti wkoll li l-konsulenti mediċi qatt ma ttellgħu jixhdu. Mill-proċess jidher li kien hemm diffikultajiet biex jiġu ntraċċati. Dan izda kiensorvolat ghaliex kien mahtur espert apposta mill-Qorti kif jidher mill-paragrafu 28 t'hawn fuq. Kif jidher fl-istess paragrafu dan l-espert ikkonstata s-segwenti:

*'Kellha brix f'wiċċha u kien hemm tbenġil mad-dawra tal-għajn. Kellha ksur fuq in-naħa tal-quddiem tal-wiċċ. Kellha l-bżonn ta' psikoloġista u marret għax-xogħol xi erba' ġimgħat wara l-inċident. Huwa kkalkola 5% bħala permanent damage (fol 181). (Rapport AZ 1).'*

24. Minn dan isegwi li l-vittma għandha 'ċikatriċi permanenti u kif ukoll qed tbati minħabba l-hypaesthesiae f'dik il-parti tal-wiċċ fejn għandha ċ-ċikatriċi. Isegwi li l-vittma għandha offizi li jaqgħu taħt l-artikoli 218(1)(a) u 218(1)(b) indikati mill-Avukat Ġenerali. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghar-ritratti li juru l-offizi friski kif prezervati u li din ma kienitx xi invenzjoni tal-vittma;

25. Kwantu ghall-operat tal-appellant fis-sewqan tieghu, din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel taghha il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti u zzid billi taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mogħtija fis-6 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Alfred Mifsud ' Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddpartixxi minn jew ma jilħaqx il-livell mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta għal sewqan traskurat.'

26. Skond sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Frar 2003 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Francis William Peter George Zarb Adami' ingad hekk: 'F'materja ta' inċidenti stradali, il-provi indizzjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant, jistgħu jkunu biss soġġettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjaħ esprit de voiture. .......Speed jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolarment

għal dik il-lokalita' iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.'

27. Applikati dawn il-prinċipji enuncjati f'dawn is-sentenzi għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti tqis li l-appellant kien negliġenti fis-sewqan tiegħu. Mhux bil-fors tkun qed issuq b'mod eċċessiv biex tikser ir-regolamenti għax hemm ċirkostanzi li jiddettaw prudenza kbira. Fejn seħħ l-inċident hija triq principali b'pelikan light fuqha li tirrikjedi attenzjoni massima aktar ma tasal qrib taghha jew fi kliem iehor li tirrikjedi livell ta' proper look out aktar qawwi. Barra dan jirriżulta b'mod l-aktar ċar li l-appellant baqa' jsuq ukoll meta d-dawl kien ahmar ghalih. Lanqas m'hi konvinta din il-Qorti li dan seta' ġara minħabba d-dwal tal-Milied kif qal l-appellant li allura kien ta' ostakolu ghall-vizwali tieghu. Sewwieq b'esperjenza tant twila għandu jkollu dik il-prudenza fis-sewqan li mhux biss jantiċipa fejn hemm id-dwal tat-traffiku u ż-zebra crossings imma wkoll li huwa u jsuq fil-viċinanzi tagħhom joqgħod attent mhux biss għat-traffiku iżda wkoll għall-possibilita' li xi ħadd ser jaqsam it-triq. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant dan naqas li jagħmlu u għalhekk is-sewqan tiegħu kien wieħed negliġenti.

28. Dwar is-sottomissjoni tad-difiża li hemm konflitt fil-provi, il-Qorti ssegwi insenjamenti ta' diversi sentenzi li dan mhux bilfors iwassal għal-liberazzjoni tal-appellant. Għalhekk il-Qorti tal-Appell tagħmel eżami akkurat tax-xhieda biex tara l-konkużjonijiet tal-Ewwel Qorti kienux raġonevoli u legali. U din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li l-Ewwel Qorti setgħet waslet għall-konklużjonijiet tagħha kemm raġonevolment kif ukoll legalment;

29. Dwar il-possibilita' li l-vittma setgħet użat prudenza aktar hija u taqsam il-Qorti qed tikkonkludi li saħansitra l-istess regolamenti jiddettaw li meta tasal fuq iz-zebra crossing ma taqbadx u taqsam. Biss din ma kienitx biss zebra crossing iżda kien hemm il-lights ukoll. Madankollu sakemm wieħed

jara u jisma' xorta jrid iħares sew biex jara jkunux ġejjin xi vetturi. Tkun sitwazzjoni f'każ ta' xi ħadd nieqes mid-dawl u qed jipprova jaqsam waħdu għaliex il-ħoss jindikalu meta għandu jaqsam għan-naħa l-oħra. U dawn is-sinjali qegħdin biex iservu għal kulħadd. F'dan il-każ iżda, il-Qorti jidhrilha li għandha tikkonferma l-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar il-kontributorjeta' tal-vittma għal dak li seħħ.

30. Konsegwentement il-Qorti qed tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha kemm legalment kif ukoll raġonevolment. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

31. Kwantu l-aggravju dwar il-piena, Il-multa mposta hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn sproporzjonat jew esagerat fil-kwantum taghha. s-sospensjoni minn kwalunkwe liċenzja tas-sewqan kienet mitluba mill-prosekuzzjoni u l-ewwel Qorti kienet gustifikat fic-cirkostanzi tal-kaz.

32. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.